MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 349/2002/1

**Charles Borg**

**Vs**

**Peter Klenner**

**It-Tribunal,**

**Wara li ra t-talba attrici ghall-hlas ta' Lm550 (hames mija u hamsin lira maltin) rapprezentanti sensarija fuq bejgh ta' fond akkwistat mill-konvenut.**

**Bl-ispejjes u interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut fl-10 ta' Novembru, 2003 naqas u ma deherx meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra,**

**Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna l-konvenut ihallas lil-attur s-somma ta' Lm550 (hames mija u hamsin lira maltin) rapprezentanti senserija ta' wiehed fil-mija kif dovut lilu skond il-ligi fuq il-kuntratt ta' bejgh.**

**Bl-ispejjes u bl-interessi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------